Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Numru. 1541/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Farrugia)**

**-vs-**

**Christopher Paris**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Christopher Paris, ta’ 53 sena, iben John u Edith, imwieled Floriana nhar il-31 ta’ Dicembru, 1953 u residenti 43, ‘Florian’, Triq F. Busuttil, Birkirkara, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 86454M.

Akkuzat talli nhar l-14 ta’ Awissu, 2007, ghal-habta tal-10.20am waqt li kien qed isuq vettura HBD 701 tal-marka

Mazda fi Triq Dun Karm, Birkirkara u/jew f’ inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin:

1. B’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kkaguna griehi ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Richard Stagno Navarra li hu detentur ta’ numru tal-karta tal-identita` 400744M u dan skond kif iccertifika Dr. Jonathan Joslyn M.D. (reg. 1920) tal-*Casualty Department* tal-isptar San Luqa.

2. Saq b’ manjiera traskurata, bla kont u perikoluza, meta habat ma vettura HBD 701 u kkagunalha hsara ghad-dannu ta` Richard Stagno Navarra detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 400744MJ.

3. u aktar talli saq bi speed eccessiv.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija, tiskwalifika lill-imsemmi Christopher Paris milli jkollu jew jottjieni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 216, 218, 226(1)(a)(b) u 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 127 ta’l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994.

Semghat ix-xhieda.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-incident sehh meta l-parte civile Richard Stagna Navarro kien hiereg minn Triq Tumas Fenech f’ Birkirkara u qasam Triq Dun Karm (aktar

maghrufa bhala l-*by pass* ta' Birkirkara) biex idur mar-*roundabout* u jmur fid-direzzjoni ta' l-universita. L-imputat kien qed isuq fil-*main road* cioe Triq Dun Karm gej mid-direzzjoni ta' l-universita fid-direzzjoni ta' Hal-Lija.

Illi l-parte leza jghid li huwa waqaf f'l-inkrocju fejn hemm *give way sign*, ra l-vettura ta' l-imputat gejja, haseb li kellu cans jaqsam it-triq, ghalhekk huwa saq 'l quddiem, sema' karozza tibbreakja u rrealizza li ser issehh il-kollizzjoni, kif fil-fatt gara. Huwa ma setghax jghid kemm kienet 'l boghod il-vettura ta'l-imputat l-ewwel darba li raha.

Illi l-parte civile jaqbel ma l-iskizz esebiet u b'mod partikolari li l-*spot of impact* kien fejn f'l-iskizz jidher inpingi d-*debris*. Il-parte civile spjega d-distanza li hemm bejn il-vettura tieghu u dik ta' l-imputat kif jidhru f'l-iskizz billi qal li l-vettura tieghu baqghet mixja bhala rizultat tad-daqqa.

Illi l-Qorti ma tistax ma tirrilevax xi inkonsistenzi fil-verzjoni mghotija mill-parte civile. Huwa jghid li meta waqaf fuq il-*give way sign* ra karozza gejja mill-boghod, ghamel kalkolu mentali u haseb li kellu cans jaqsam. Aktar 'l quddiem pero jghid li meta ra l-vettura ta'l-imputat dan tant kien gej bi *speed* li ma setghax jghid f'liema karreggjata kien. Jekk l-Qorti taccetta l-versjoni tal-parte civile li huwa ra l-imputat gej bi speed ecessiv necessarjament ghandha tasal ghall-konkluzzjoni li d-decizjoni tal-parte civile li xorta jittraversa t-triq kienet ghall-kollox skonsiljata.

Illi l-parte civile jispjega li l-vettura tieghu ma waqfietx ma' l-impatt propju minhabba l-forza ta' l-impatt u l-velocita li kien gej biha l-imputat. Pero d-distanza u b'mod partikolari d-direzzjoni li fiha baqat miexja l-vettura tal-parte civile mill-*ispot of impact* sa kemm waqfet ma tantx jghatu konfort lit-tezi tal-parte civile. L-iskizz pjuttost jindika li kienet il-vettura tal-parte civile li dawwret (ghalkemm bi ftit) il-vettura ta'l-imputat.

Illi fil-fatt l-versjoni mghotija mill-imputat hija aktar verosimili u hija korroborata minn dak li jirrizulta mill-iskizz. Minn dan, u mod partikolarment l-*ispot of impact*,

id-direzzjoni li baqghat mixja fiha l-vettura tal-parte civile, u l-assenza ta' *break marks*, huwa car li l-incident ma sehhx minhabba xi imperizja ta'l-imputat. In oltre, u ghall istess ragunijiet, lanqas hemm prova li huwa kien qed isuq bi *speed* eccessiv.
Ghal dawn il-motivi il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------